**13 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Francis Tonna

*versus*

Vincent Grixti

## Interess Ġuridiku – Skrittura "*Ad Validitatem*" għat-Trasferiment ta' Vettura

*L-attur fittex biex jirkupra bilanċ ta' prezz minnu pretiż fuq bilanċ ta' vettura. Il-Qorti laqgħet eċċezzjoni li ma kellux interess ġuridiku għaliex il-vettura "de quo" ma kinitx proprjetà tiegħu. Hu stabbilit fil-ġurisprudenza li biex wieħed jipproponi domanda ġudizzjali, għandu jkollu interess fit-talba u dak l-interess ossia motiv tat-talba għandu jkun konkret u jissussisti di fronti għal min kontra tiegħu t-talba ġiet proposta. Il-Qorti ċaħdet ukoll it-talbiet attriċi in kwantu u ma kienx hemm skrittura għaliex huwa stabbilit fil-liġi u l-ġurisprudenza illi l-forma ta' l-iskrittura f'każijiet ta' kompravendita hija "di rigore".*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-1 ta' Frar, 1990, li bih l-attur wara li ppremetta illi fil-21 ta' Awissu, 1987, hu u l-konvenut ftehmu li jpartu karozza *Morris Marina J – 7325 proprjetà ta'* l-attur ma' *Truck* B – 4578 proprjetà tal-konvenut u li f'dan in-negozju, oltre t-tpartit, il-kontendenti kienu ftehmu illi l-konvenut iżid bi flus lill-attur is-somma ta' Lm400, u li l-konvenut ħallas

biss is-somma ta' Lm300 akkont tal-prezz ossija żieda konvenuta (Dok. A hawn anness) u fadallu jħallas lill-attur il-bilanċ ta' Lm100);

U wara li ppremetta illi l-konvenut naqas u qiegħed jirrifjuta li jaddivjeni għall-finalizzazzjoni tal-formalitajiet preskritti mil-liġi sabiex il-passaġġ ta' proprjetà tal-vettura bil-mutur Morris Marina J – 7325 tgħaddi f'ismu permezz ta' dawn l-istess formalitajiet, nonostante li ġie interpellat diversi drabi sabiex jagħmel dan u li l-konvenut biex attaparsi jiġġustifika l-inadempjenza tiegħu beda jallega mingħajr l-ebda fondazzjoni fil-fatt illi l-Morris Marina J – 7325 li ħa b'tpartit mingħand l-attur m'hiex tal-kwalità pattwita;

U wara li ppremetta illi l-konvenut qiegħed sallum jinqeda kuljum bil-karozza *de quo*, u nonostante l-allegazzjoni tiegħu lanqas biss eżima ruħu mir-responsabbilità u ddeposita taħt l-awtorità tal-Qorti kompetenti u li l-konvenut, nonostante diversi interpellazzjonijiet naqas ukoll li jħallas il-bilanċ ta' prezz ta' Lm100, kif fuq ingħad;

U wara li ppremetta illi l-konvenut kien iddikjara ma' l-attur li kien pront jagħmel it-*transfer* għal ismu tal-Morris Marina kemm-il darba l-attur jaħfirlu l-bilanċ ta' prezz dovut u li għalhekk jew almenu f'dan l-istadju l-konvenut wera li huwa in *mala fede*;

U wara li ppremetta illi l-konvenut ma jistax unilateralment u kappriċċosament u mingħajr raġunijiet validi fil-fatt u fid-dritt jonqos jew jirrifjuta li jonora obbligazzjoni minnu liberament assunta u vinkolanti li jixtri u jakkwista mingħand l-attur bil-formalitajiet kollha li titlob il-liġi l-vettur bil-mutur Morris

Marina J – 7325;

Talab l-istess attur għaliex din il-Qorti m'għandhiex, tiddikjara lill-konvenut, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, illi:

1. il-vettura Morris Marina J – 7325 fil-mument tat-tpartit tagħha bejn il-kontendenti kienet tal-kwalità pattwita u konsegwentement

2. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm100 bilanċ tal-prezz konvenut u sabiex fi żmien qasir u perentorju u fil-jum u ħin li jiġi lilu prefiss jottempera ruħu mal-formalitajiet kollha preskritti mil-liġi, u ċjoè li jħallas il-boll fuq trasferiment ta' vettura bil-mutur skond il-liġi tal-Boll, iħallas it-*transfer fee* lill-Kummissarju tal-Pulizija u jimla' u jiffirma l-formula ta' bejgħ u xiri ta' vettura (fejn applikabbli meħtieġa mill-istess Kummissarju tal-Pulizija, fil-*Lincencing Office* tal-Pulizija, f'*Portes-des-Bombes;* u

3. Tinnomina kuratur sabiex jirrappreżenta lill-kontumaċi u dan għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa fl-ewwel lok il-*litis pendentia stante* li bejn il-kontendenti ġa kemm pendenti kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti;

Sekondarjament l-attur ma huwiex il-persuna leġġittima ġiex tipproponi din l-istanza billi jonqos fih l-interess legali stante

li l-vettura *'de quo'* hi rreġistrata f'isem terza persuna, f'liema każ it-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu miċħuda;

Fit-tielet lok, u bla preġudizzju għas-suespost, lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa t-talbiet stante li *ad validitatem* it-tpartit kien jirrikjedi l-formalità ta' l-iskrittura li ma saritx u b'hekk, in kwantu l-kitba hi *di rigore* f'negozji bħal dawn, il-kontrattazzjoni ma tiswiex u ma torbotx;

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu, 1991, li bih il-konvenut irrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* u li bih ukoll il-Qorti ordnat l-alligazzjoni ta' l-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerċ (ċitaz. nru. 631/89/MB/F) li għandha mertu konness, li tħalliet *"sine die"* u li għall-provi fiha kontenuti saret riferenza mill-kontendenti;

*Omissis;*

Din il-kawża tirrigwarda negozju dwar vetturi bejn il-kontendenti. L-attur jippremetti illi hu partat Morris Marina, numru J – 7325 ma' *Truck*, B – 4579 tal-konvenut u f'dan it-tpartit kien hemm ukoll miftiehem ekwiparazzjoni bi flus;

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija waħda preliminari fis-sens illi kienet diġà teżisti proċedura oħra fl-ismijiet inversi fuq indikata, li kienet għadha pendenti kif effettivament hi sallum, in kwantu tinstab differita *sine die*, liema proċedura saret quddiem il-Qorti tal-Kummerċ. Il-konvenut bil-verbal tal-15 ta' Marzu, 1991, irrinunzja għal din l-eċċezzjoni u l-Qorti kwindi m'hiex ser tieħu aktar konjizzjoni tagħha;

Fit-tieni lok il-konvenut qed jeċċepixxi illi l-attur ma hux

il-persuna leġittima biex tipproponi din l-istanza, billi jonqos fih l-interess legali stante li l-vettura *de quo,* u ċjoè il-Morris Marina J – 7325, hi rreġistrata fuq isem terza persuna u għalhekk it-talbiet kollha ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda. Jeħtieġ qabel xejn li jiġu deċiżi jekk il-fatti allegati mill-konvenuti humiex korretti. Mill-provi prodotti fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, jirriżulta hekk:

1. In rappreżentant tal-kummissarju tal-Pulizija xehed illi l-vettura Morris Marina J – 7325, "daħlet Malta fis-17 ta' April, 1986 **u għadha rreġistrata f'isem Catherine Tonna** ta' *Franklin Garage, Mill Street,* Qormi". **Dan ix-xhud xehed fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 1989;**

2. In-negozju mertu tal-kawża sar, skond il-kontendenti fid-dikjarazzjonijiet rispettivi tagħhom maċ-ċitazzjonijiet minnhom preżentati, **fil-21 ta' Awissu, 1987;**

3. Il-vettura B – 4578, it-*Truck*, skond l-istess uffiċjal xhud "**ġiet irreġistrata fis-17 ta' Jannar, 1988,** f'isem Paul Falzon u dan Falzon fit-8 ta' Frar, 1988, ittrasferixxa l-vettura lill-Francis Tonna (l-attur)...Dan it-trasferiment minn Falzon għal Tonna kien sar bl-iskop li Tonna jerġa' jbiegħ, kif fil-fatt għamel, fl-4 ta' Lulju, 1988, lil Pawlu Deguara ... u attwalment it-trasferiment sar fit-3 ta' Awissu, 1988". Jirriżulta għalhekk li **anke dan it-*Truck* qatt ma ġie rreġistrat fuq isem il-konvenut;**

4. Ta' rilevanza massima għad-determinazzjoni ta' din l-eċċezzjoni hu l-verbal tat-30 ta' Novembru, 1989, fil-kawża fl-ismijiet inversi quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih ġie ddikjarat li "l-partijiet kollha qablu **li ma saret l-ebda skrittura**

**fuq it-trasferiment tal-vetturi'';**

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut hi dik tal-karenza ta' interess fl-attur. Hu stabbilit fil-ġurisprudenza illi biex wieħed jipproponi domanda ġudizzjali, għandu jkollu **interess fit-talba** u dak l-interess ossia motiv tat-talba **għandu jkun konkrett u jissussisti di fronti għal min kontra tiegħu t-talba tkun ġiet proposta** (Brockdorff vs Pace Balzan - Vol. XVII, P. III, pg. 15 u oħrajn. it-talba ta' l-attur f'din il-kawża, hi fis-sustanza illi l-Qorti tordna lill-konvenut jottempera ruħu mal-formalitajiet kollha preskritti fil-liġi, biex jaffettwa t-trasferiment tal-Morris Marina J - 7325. Issa hu ovvju mis-suespost illi l-attur ċertament ma hux il-persuna li jista' jippromwovi l-preżenti azzjoni u dan għax ovvjament hu ma jistax ikun il-leġittimu kontradittur tal-konvenut, in kwantu jirriżulta b'mod manifest li hu ma huwiex il-proprjetarju tal-Morris Marina li kienet u għandha vettura rreġistrata f'isem bintu Catherine Tonna, u li konsegwentement hi proprjetà tagħha. Anki kieku kellu jiġi aċċettat illi l-ftehim verbali tat-tpartit tal-vetturi kellu xi validità fil-liġi - proposizzjoni din legalment insostenibbli - l-attur ma jista' bl-ebda mod jeradika interess ġuridiku validu meta l-oġġett tan-negozju rriżulta manifestament u *ex admissis* li ma hux proprjetà tiegħu. L-aktar li jista' jippretendi l-attur hu li hu kien qed jaġixxi bħala mandatarju ta' bintu - prova din ukoll li ma tirriżultax. F'dan il-każ però xorta kellha tkun bintu Catherine li taġixxi ġudizzjarjament u dana personalment, una volta li tinstab Malta. L-interess ġuridiku jeħtieġ li jkun reali u attwali u hu ċar li fil-materja **oġġett ta' l-azzjoni** hi l-proprjetà tal-vattura li jista' jeradika l-interess in kwantu qed jiġi allegat li qed isir **trasferiment ta' din il-proprjetà** b'titolu ta' permuta u konsegwentement hi l-**proprjetarja** ta' din il-vettura li għandha dritt tippreċipixxi l-*quid pro quo* ta' dan in-negozju u teżiġi illi l-konvenut josserva

l-obbligazzjonijiet minnu, allegatament, assunti. Difatti l-attur ma hu qed jivvanta l-ebda titolu biex javanza l-azzjoni, ħlief dak ta' proprjetà tal-vettura. Jippremetti effettivament illi "fil-21 ta' Awissu, 1987, l-attur u l-konvenut ftehmu li jpartu karozza Marina J – 7325, **proprjetà ta' l-attur**, ma' *Truck* D – 4578 proprjetà tal-konvenut". Allegazzjoni din li rriżulta b'mod inekwivoku li hi inveritiera. Stabbilit dan, l-attur ma jista' bl-ebda mod jeradika interess ġuridiku fl-azzjoni **kif proposta;**

In-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur ikompli jieħu sostanza wkoll fid-dawl tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut illi l-liġi tirrikjedi *ad validitatem* għat-tpartit allegatament konkordat verbalment "il-formalità ta' l-iskrittura li ma saritx u b'hekk in kwantu l-kitba hi *di rigore* f'negozju bħal dan, il-kontrattazzjoni ma tiswiex u ma torbotx". Dan mhux tal-Marina u l-konvenut, imma wkoll fl-ipotesi – anki din mhux allegata – ta' ftehim bejn l-attur u l-istess bintu. Il-formalità ta' l-iskrittura fit-trasferiment tal-vetturi, hi formalità *sine qua non*, u jekk din ma tirriżultax, l-ebda ftehim verbali, ċar u univoku kemm hu, ma jista' jissostitwiha. L-attur għalhekk ma jistax jippretendi li jeredika interess ġuridiku taħt il-pretesa li hu għandu l-proprjetà tal-vettura mogħtija lilu minn bintu b'xi forma ta' titolu validament akkwiżit. F'dan il-kontest hu tajjeb li jiġi riportat is-segwenti min-nota ta' osservazzjonijiet struwita tal-konvenut, li tikkristalizza l-posizzjoni legali, u li ma teħtieġ l-ebda kumment ulterjuri:

(i) Huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-forma ta' l-iskrittura f'każijiet ta' kompravendità ta' vetturi hi waħda *di rigore* – "Harry Falzon *pro et noe vs* Carmelo Tanti" App. Ċiv. 7 ta' Diċembru, 1956; u "Caruana vs Bonnett" Prim'Awla, per Imħallef M. Caruana Curran, deċiża fit-12 ta'

Diċembru, 1963, fost bosta oħrajn, uħud minnhom ċitati fid-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni;

(ii) Din il-formalità tal-kitba m'hiex rikjesta sempliċement *'ad probationem'* imma *'ad substantiam et validitatem'*;

(iii) Il-konvenzjoni bla skrittura, a differenza mill-każ sempliċi ta' nuqqas ta' boll fuq skrittura, li jista' jiġi rrimedjat, ma tistax tiswa biex issostni azzjoni jew eċċezzjoni;

(iv) L-inosservanza ta' din il-forma preskritta mil-liġi iġġib ċertament il-konsegwenza tan-nullità jew ineżistenza *'ipso jure'*;

(v) Illi għalkemm tkun saret konvenzjoni verbali, in-nuqqas ta' l-iskrittura ordnata mil-liġi *'ad validitatem'* tiddistruġġi l-presunzjoni tal-*buona fede* f'min jakkwista, in kwantu hi massima fundamentali li kull persuna hi presunta li taf il-liġi, u kwindi l-konvenut kien imissu jaf li ma kien qed jakkwista xejn, bil-konsegwenza li l-pussess tiegħu kien *'in mala fede'*;

Għall-argumenti żvolti *supra* ara d-deċiżjoni ta' l-insenji Imħallef M. Caruana Curran *in re:* "Maġġur Hannibal A. Scicluna *noe vs* Avv. Dottor Edgar Grima *et noe*" tat-23 ta' Frar, 1965, riportata a Vol. XLIX, P. II, p. 763";

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, in kwantu dan irrinunzja għaliha; tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tiddikjara illi l-istess attur ma jirriżultax li għandu interess ġuridiku rikjest mil-liġi biex jipproponi l-azzjoni odjerna kontra l-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talbiet ta' l-attur

kontra l-konvenut;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.